# TGĦIX IRRIDEK

1.

U meta jiġi l-waqt     li mmur għal dejjem
b'idejk li nħobb f'idejja     rrid immur –
idejk     li merħu fl-irjiħat għalija.

Ostorni,     nimploralek,
b'silwetti     t'elf memorja ta' ġismek     ġo tebuti.

'Mma lilek     tgħix irridek,     ja borka tal-maġija.
Minn qabri,     fl-isbaħ nagħsa,
bis-sabar     nistenniek.

U meta     tiġi żżurni
lil nifsek     fuqi rrid     li nerġa' nħoss,
u fwieħet     l-anemone nxomm     minn ġismek.

Jekk minn xofftejk     jitbexxaq     fjur il-ġmiel
u jittawwalli f'qabri
nintebaħ     li tkun int     li ġejt iżżurni.

2.

U meta mmur     għal dejjem,
kif konna     ta' spiss nagħmlu
taħt kwiekeb     sodalit,
mur imxi     fuq ir-ramel Tal-Mixquqa,
u isma'     l-mewġ  itella'
mill-qiegħ     imqalla' l-alka
bħal vireg     ta'     rixtellu
mill-ilma     jispuntaw
b'dak     lewnhom     klaret…

Mur isma'     l-gawwi     jwerżaq
għajjien     għall-irtirata     fil-ġabra tal-fissuri…

Il-ħabel     kollu ħass     mur isma' jżaqżaq
maż-żifna ta' kajjik –
bħall-għaqda tagħna l-malju tal-irmiġġ…

3.

Tgħix irridek,     u lili tesponini     kif kont tafni
bil-ġmiel krepuskolari     li jien     sawwart għalik.
Jagħrfuni fik.     Bik ngħix     mumenti isbaħ.

Tgħix irridek,     u nwiegħdek li mid-dwiem
bl-istess imħabba     nħobbok
ta' dak li s-semm ra x'għamel     biex iniżżlu
u waqa' mejjet     ħdejn il-fjura ssaħħar
ta' William Shakespeare.

NOM DE PLUME: KAMADEVA